MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Appell Civili Numru. 295/2014/1

**Brian Vella u Ronald Attard eserċenti l-kummerċ**

**bl-isem *V & A Services***

***v.***

**Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti;**

**Kunsill Lokali Bormla; u Saviour Mifsud**

1. Dan huwa appell ta’ Brian Vella u Ronald Attard, fil-kummerċ bid-ditta *V & A Services* [“*V & A*”], minn deċiżjoni tal-20 ta’ Ġunju 2014 tal-Bord ta’ Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi [“il-Bord ta’ Reviżjoni”], imwaqqaf taħt ir-Regolamenti tal-2010 dwar il-Kuntratti Pubbliċi [“L.S. 174.04”], wara oġġezzjoni ta’ *V & A* kontra deċiżjoni tal-Kunsill Lokali ta’ Bormla [“il-Kunsill Lokali”] illi kuntratt pubbliku għal ġbir ta’ skart domestiku jingħata lil Saviour Mifsud.

2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: fit-13 ta’ Jannar 2014 saret sejħa mill-Kunsill Lokali għal offerti ta’ servizz ta’ ġbir ta’ skart domestiku. Fost il-kondizzjonijiet tas-sejħa għal offerti hemm dik tal-art. 21(a) li tgħid hekk:

> “21 (a) Tenderers are required to annex with their offer a certificate issued by the Employment and Training Corporation (ETC), indicating the number and details of employees duly registered with the corporation. Apart from the ETC certificate, tenderers are also required to submit a signed declaration confirming the number and details of employees duly registered with the corporation which will be assigned on this particular contract. Any tenderer who fails to provide the requested certificate/s with his offer will not be eligible for the award of the contract.”

3. Intefgħu erba’ offerti: dik ta’ *V & A*, dik ta’ Saviour Mifsud, dik ta’ *WM Environmental Limited*, u dik ta’ John Borg. Għalkemm l-offerta ta’ John Borg kienet l-orħos waħda, ġiet imwarrba billi magħha ma kienx hemm *bid bond* tajba. L-offerta ta’ *WM Environmental Limited* kienet

it-tieni l-orħos offerta iżda wkoll ġiet imwarrba, għalkemm b'sentenza mogħtija llum minn din il-qorti fl-atti tal-appell numru 294/2014 fl-ismijiet <u>*WM Environmental Limited v.* Kunsill Lokali Bormla *et*</u> id-deċiżjoni li tiġi mwarrba l-offerta ġiet imħassra, biex hekk l-evalwazzjoni tal-offerti għandha ssir mill-ġdid b'dan illi l-offerta ta' *WM Environmental Limited* għandha titqies fl-evalwazzjoni u ma tiġix imwarrba. It-tielet l-orħos offerta kienet dik ta' Saviour Mifsud u għalhekk il-kuntratt ingħata lil dan. Din id-deċiżjoni – illi l-kuntratt jingħata lil Saviour Mifsud – ukoll ġiet imħassra bis-sentenza fuq imsemmija ta' din il-qorti b'konsegwenza tal-fatt illi l-offerta ta' *WM Environmental Limited* ma kellhiex titħassar. L-aħħar u l-ogħla offerta kienet dik ta' *V & A*.

4. Waqt l-evalwazzjoni tal-offerti mill-Kumitat tal-Offerti mwaqqaf mill-Kunsill Lokali jidher li tqajjem xi dubju dwar jekk l-offerta ta' Saviour Mifsud kinitx tħares dak li jgħid u jrid l-art. 21(a) fuq imsemmi billi d-dikjarazzjoni "*confirming the number and details of employees duly registered with the corporation which will be assigned on this particular contract*", li kellha tkun "*signed declaration*", fil-fatt ma kinitx iffirmata. Fid-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Offerti jingħad hekk:

> "Filwaqt li fl-offerta ta' Saviour Mifsud kien hemm inkluż ċertifikat mill-*ETC* dwar l-impjegati rreġistrati, ma kien hemm l-ebda dikjarazzjoni oħra ffirmata li tikkonferma n-numru u d-dettaiji tal-impjegati li ser ikunu speċifikament assenjati fuq dan il-kuntratt. L-avukat Luciano Busuttil intalab jesprimi l-opinjoni tiegħu dwar il-fatt li Saviour Mifsud ma ssottomettiex dikjarazzjoni dwar ħaddiema li ser jassenja fuq dan il-kuntratt. Dr Busuttil qal li l-klawsola kif inhi miktuba qed tirreferi għaċ-ċertifikat tal-*ETC*, liema ċertifikat kien inkluż fl-offerta.

> "Għaldaqstant, ġie deċiż li l-offerta tas-Sur Saviour Mifsud tgħaddi għall-proċess tal-evalwazzjoni."

5. Il-Kumitat tal-Offerti għamel ukoll gradwazzjoni tal-offerti. Din saret billi ngħataw punti għall-aspett tekniku – sittin fil-mija (60%) tat-total tal-punti – u dak finanzjarju – erbgħin fil-mija (40%) tat-total – ta' kull offerta. Waqt li fl-evalwazzjoni tal-aspett tekniku l-Kumitat tal-Għażla ta lil kull offerta punti minn massimu stabbilit minn qabel, fl-evalwazzjoni tal-aspett finanzjarju l-kumitat mexa billi ta punti massimi lill-orħos offerta – dik ta' John Borg – u ta punti lill-offerti l-oħra bi proporzjoni invers ma' kemm dawk l-offerti kienu ogħla mill-orħos waħda. Għalhekk, fil-waqt li fl-evalwazzjoni teknika l-Kumitat tal-Offerti mexa fuq kriterju li nistgħu nsejħulu "assolut", fl-evalwazzjoni finanzjarja mexa fuq kriterju "relativ" fis-sens li l-ogħla marka ma kinitx stabbilita minn qabel iżda kienet dik li tingħata lill-orħos offerta li magħha mbagħad ġew imqabbla l-offerti l-oħra. Għandu jingħad illi biex wasal għal dan il-kriterju li sejjaħnielu "relattiv" il-Kumitat tal-Offerti qies l-offerti kollha, ukoll dawk li kellhom jitwarrbu *ab initio* – partikolarment dik ta' John Borg – għax ma ħarsux il-kondizzjonijiet tas-sejħa għal offerti. Wara li għadd il-marki li ngħataw lil kull offerta, il-Kumitat tal-Offerti sab illi l-aħjar offerta kienet dik ta' Saviour Mifsud u għalhekk irrakkomanda illi l-kuntratt jingħata lil dan. Il-Kunsill Lokali qagħad fuq din ir-rakkomandazzjoni u b'ittra tal-20 ta' Frar 2014 is-Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill għarraf lill-oblaturi b'din id-deċiżjoni,

6. B'ittra tal-21 ta' Frar 2014 Brian Vella għal *V & A* talab illi jitħalla jara l-offerta li ntgħażlet iżda s-Segretarju Eżekuttiv dakinhar stess wieġeb illi [il-*proviso* għa]r-reg. 44(3) ta' L.S. 174.04[1] ma jħallix li dik it-talba tintlaqa'.

7. B'avviż ta' oġġezzjoni tas-27 ta' Frar 2014 *V & A* ressqet appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni. Ir-raġunijiet tal-oġġezzjoni kienu illi: i. l-offerta ta' Saviour Mifsud ma kinitx tħares dak li jgħid u jrid l-art. 21(a) tal-kondizzjonijiet tas-sejħa għall-offerti għax magħha ma kienx hemm dikjarazzjoni ffirmata kif irid dak l-artikolu; ii. ma kellhomx jitqiesu offerti li ġew imwarrba bħala kriterju għall-evalwazzjoni finanzjarja; iii. "il-mod u l-kriterji adoperati biex jingħataw il-punti huwa żbaljat"; u iv. "l-avviż ta' aġġudikazzjoni wkoll huwa nieqes minn rekwiżiti indikati fil-liġi, fosthom ma jindikax il-perjodu li fih jista' jiġi intavolat appell u rekwiżiti oħra indikati li fil-liġi". *V & A* għalhekk talbet illi titwarrab l-offerta ta' Savour Mifsud, titħassar id-deċiżjoni li l-kuntratt jingħata lil dan u, minflok, illi l-kuntratt jingħata lilha.

8. Bid-deċiżjoni tal-20 ta' Ġunju 2014, li minnha sar dan l-appell, il-Bord ta' Reviżjoni ċaħad it-talbiet ta' *V & A*. Il-parti relevanti tad-deċiżjoni tgħid hekk:

---

[1] **44.** (3) … … … l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jiddeċiedu li jżommu xi tagħrif dwar l-għoti tal-kuntratt, imsemmi f'dan ir-regolament, meta r-rilaxx ta' dak it-tagħrif ikun jimpedixxi l-infurzar tal-liġi jew ikun xort'oħra kuntrarju għall-interess pubbliku jew ikun jippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' operaturi ekonomiċi, pubbliċi jew privati, jew ikun jista' jippreġudika l-kompetizzjoni ġusta bejniethom.

“The Board,

“Having noted the Appellant’s objection, in terms of the ‘Reasoned Letter of Objection’ dated 27th February 2014 and also through Appellant’s verbal submissions during the hearing held on 22nd April 2014, had objected [*sic*] to the decision taken by the pertinent authority in that:

“a) The Preferred Bidder failed to submit the declaration from the ETC, denoting the number and details of the employees to be assigned to the tender works in question. In this regard, this failure should have rendered the Preferred Bidder’s offer as invalid.

“b) Appellant contends that the allocation of points to compliant bidders was not justly apportioned. If the apportionment of points or marks were based on the financial element, the Appellant’s offer, which had the cheapest bid, should have been allocated the maximum points.

“c) The criterion employed by the Evaluation Board was incorrect.

“d) The Contracting Authority failed to specify the ‘time frame’ for the Appeal, in the notice of refusal of the Appellant’s bid .

“e) Appellant also contends that upon request, he was denied of [*sic*] the required information pertaining to other contesting bidders.

“Having considered the Contracting Authority’s verbal submissions during the hearing held on 22nd April 2014, in that:

“a) The Evaluation Board assigned points/marks only to compliant Bidders.

“b) Points were awarded in respect of human resources, equipment to be used in the tender works, EU certification of equipment and any previous default notices. In this respect, thc Evaluation Board acted in the fairest manner.

“c) The Contracting Authority was not in a pertinent position to give any information about other Bidder’s offer to the Appellant.

“Reached the following conclusions:

“1. First of all, this Board, on numerous occasions, have [*sic*] pointed out that Local Councils are legally bound to state specifically the reasons for refusal of a tender when sending a ‘Notice of Refusal of Award’ to unsuccessful Tenderers.

“2. This Board also opines that the fact that the preferred Bidder did not sign the declaration, wherein same had to declare thc number of employees to be assigned for the tender works, but submitted the requested information, does

not in any way breach the conditions as laid out in the tender document.

“3. This Board opines that the evaluation procedure adopted by the Evaluation Board of thc Contracting Authority acted in the following manner:

“i) The Evaluation Board acted in a transparent and diligent way.

“ii) The system of allocation of points/marks by the Evaluation Board was fair and just.

“iii) The selection criteria applied by the Evaluation Board was [*sic*] just and competent.

“4. This Board also upholds the fact that the Contracting Autlority could not divulge any information to thc Appellant regarding competing tenderers.

“In view of the above, this Board finds against the Appellant and recommends that the deposit paid by the Appellant should not be reimbursed.”

9. *V & A* appellat minn din id-deċiżjoni b’rikors tal-10 ta’ Lulju 2014 li bih talbet illi din il-qorti tħassar id-deċiżjoni tal-Bord ta’ Reviżjoni, tgħid illi l-offerta ta’ Saviour Mifsud kellha titħassar minħabba n-nuqqasijiet fiha u taġġudika l-kuntratt lil *V & A.* Għal dan ir-rikors wieġbu Saviour Mifsud fit-30 ta’ Lulju 2014 u l-Kunsill Lokali fil-25 ta’ Awissu 2014. L-appell safejn magħmul ukoll kontra d-Direttur tal-Kuntratti ġie rtirat b’nota tal-15 ta’ Lulju 2014.

10. L-aggravji ta’ *V & A* essenzjalment huma dawn:

i. illi d-deċiżjoni tal-Bord ta’ Reviżjoni ma hijiex motivata kif irid ir-reg. 85(11) ta’ L.S. 174.04;

ii. illi l-offerta ta’ Saviour Mifsud naqset milli tħares dak li jgħid u jrid l-art. 21(a) tal-kondizzjonijiet tas-sejħa għal offerti;

iii. illi l-kriterji li fuqhom saret l-evalwazzjoni tal-offerti – partikolarment dawk għall-evalwazzjoni finanzjarja – kienu ħżiena;

iv. illi l-appellanti kellha tingħata t-tagħrif li talbet dwar l-offerta ta' Saviour Mifsud; u

v. illi l-Bord ta' Reviżjoni meta sema' l-oġġezzjoni ma kienx kostitwit kif imiss.

11. L-ewwel aggravju huwa dwar nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni. Ir-reg. 85(11) ta' L.S. 174.04 igħid hekk:

> "**85.** (11) Id-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu mill-Bord ta' Reviżjoni għandhom jitniżżlu bil-miktub. Għandhom jingħataw il-fatti u l-motivazzjonijiet kollha li jkunu wasslu għad-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni ... ... ..."

12. Tassew illi l-ħtieġa li tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni ma hijiex daqshekk rigoruża fuq tribunal amministrattiv bħal ma huwa l-Bord ta' Reviżjoni daqskemm hija fuq qorti; madankollu għandu dejjem ikun possibbli għal min jaqra d-deċiżjoni illi jifhem sewwasew x'kienu r-raġunijiet li wasslu għaliha.

13. Fil-każ tallum l-ilmenti quddiem il-Bord ta' Reviżjoni fis-sustanza kienu tnejn: illi l-offerta ta' Saviour Mifsud ma ħarsitx dak li jgħid u jrid l-art. 21(a) tal-kondizzjonijiet tas-sejħa, u illi l-mod kif inħadmu l-kriterji għall-evalwazzjoni finanzjarja kienu ħżiena.

14. Dwar l-ewwel ilment il-Bord ta' Reviżjoni iddeċieda, fil-para. 2 tad-deċiżjoni, illi "*the fact that the preferred Bidder did not sign the*

*declaration ... ... ... but submitted the requested information, does not in any way breach the conditions as laid out in the tender document*”. Għalkemm x’aktarx lakonika, ma jistax jingħad illi din id-deċiżjoni ma tagħtix ir-raġuni li wasslet għaliha, *viz.* illi l-Bord ta’ Reviżjoni interpreta l-art. 21(a) fis-sens illi dak li hu meħtieġ hu illi jingħata t-tagħrif dwar in-numru u d-dettalji li hemm il-ħsieb li jiġu assenjati għax-xogħol fuq il-kuntratt, u illi ma huwiex meħtieġ illi d-dokument li fih jingħata dak it-tagħrif ikun iffirmat. Din ir-raġuni setgħet ġiet imfissra aħjar u tista’ taqbel u tista’ wkoll ma taqbilx magħha – dan narawh aktar ’il quddiem meta niġu biex inqisu l-meritu dwar l-aggravju taħt il-art. 21(a) – iżda raġuni, tajba jew ħażina, ingħatat, u ma jistax jingħad illi d-deċiżjoni ma hijiex motivata.

15. L-ilment l-ieħor ta’ *V & A* kien dwar kif ġew allokati l-marki għall-evalwazzjoni finanzjarja; l-argument ta’ *V & A* kien imfisser hekk:

> “Meta l-awtorità kontraenti ġiet biex taħdem it-punti li kellhom jiġu assenjati lill-applikanti, l-istess awtorità ibbażat ruħha fuq l-irħas offerta, li hija dik ta’ John Borg. Jiġi sottotinejat illi l-istess John Borg ġie skwalifikat mill-evalwazzjoni/aġġudikazzjoni tal-offerta preżenti ... ... ...
>
> “Għalhekk, fl-ekwazzjoni tal-assenjazzjoni ta’ punteġġi, l-awtorità kontraenti ma setgħet qatt, u għal ebda raġuni, tieħu kont, jew konsiderazzjoni, [ta’] l-offerta, *in toto* jew *in parte* ta’ applikant li ġie skwalifikat.”

16. Id-deċiżjoni tal-Bord ta’ Reviżjoni kienet illi “*the Evaluation Board acted in a transparent and diligent way; the system of allocation of points/marks by the Evaluation Board was fair and just; the selection criteria applied by the Evaluation Board was* [*sic*] *just and competent*”.

Ma jistax ma jingħadx illi din id-deċiżjoni aktar għandha min-natura ta' stqarrija dommatika milli ta' deċiżjoni motivata. Għandu jingħad ukoll iżda illi l-Bord ta' Reviżjoni semma wkoll is-sottomissjonijiet tal-parti l-oħra – fosthom illi "*the Evaluation Board assigned points/marks only to compliant Bidders*" – li ġew minnu meqjusa biex wasal għad-deċiżjoni. Għalhekk il-Bord ta' Reviżjoni għandu jitqies illi impliċitament adotta dik is-sottomissjoni partikolari u iddeċieda illi, bħala fatt, l-offerta li ġiet imwarrba ma ġietx meqjusa biex jiġu stabiliti l-kriterji għall-evalwazzjoni. Għal darba oħra l-qorti tgħid illi tista' taqbel jew ma taqbilx ma' din id-deċiżjoni – u dan narawh meta l-aggravju jitqies fil-meritu – iżda dan ma jfissirx illi d-deċiżjoni ma hijiex motivata. Ċertament, il-mod kif il-Bord fisser id-deċiżjoni xejn ma huwa sodisfaċenti u, anzi, huwa dgħajjef ħafna, iżda fil-fehma tal-qorti ma hemmx l-estremi biex id-deċiżjoni titħassar minħabba nuqqas ta' motivazzjoni.

17. L-aggravju relativ għal nuqqas ta' motivazzjoni fid-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni huwa għalhek miċħud.

18. It-tieni aggravju huwa illi l-offerta ta' Saviour Mifsud naqset milli tħares dak li jgħid u jrid l-art. 21(a) tal-kondizzjonijiet tas-sejħa għal offerti dwar il-ħtieġa "*to submit a signed declaration confirming the number and details of employees duly registered with the corporation which will be assigned on this particular contract*" billi d-dikjarazzjoni ma kinitx iffirmata. Kif rajna, il-Kumitat tal-Offerti qagħad fuq il-parir illi s-

sanzjoni li titwarrab l-offerta kienet tgħodd biss fil-każ ta' nuqqas taċ-ċertifikat tal-*ETC* u mhux ukoll fil-każ tan-nuqqas tad-dikjarazzjoni iffirmata[2], waqt illi l-Bord ta' Reviżjoni qal illi dak li hu meħtieġ hu li jingħata t-tagħrif u ma hijiex daqshekk meħtieġa l-firma[3].

19. Il-qorti ma tarax illi l-argument tal-Bord ta' Reviżjoni huwa wisq konvinċenti. Il-firma hija meħtieġa biex biha l-oblatur jintrabat illi jħaddem nies fuq il-kuntratt daqskemm jissemmew fuq id-dokument; kien għalhekk illi l-art. 21(a) talab "*a signed declaration*".

20. Il-Kunsill Lokali iżda, fit-tweġiba tiegħu għall-appell, ikompli jargumenta illi meta l-art. 21(a) igħid illi "*any tenderer who fails to provide the requested certificate/s with his offer will not be eligible for the award of the contract*" qiegħed jirreferi għall-*"ETC certificate*" u mhux għas-"*signed declaration*".

21. Tassew illi l-art. 21(a) jidher li jiddistingwi bejn *certificate* u *declaration*. Il-qorti iżda ma hijiex għalkollox konvinta illi l-ħsieb kien illi tassew issir distinzjoni fis-sens li nuqqas ta' wieħed iwassal biex l-offerta titwarrab u n-nuqqas tal-ieħor le. Li kien tassew hekk kien ikun legittimu li wiehed jirraguna li l-klawsola "*any tenderer who fails to provide the requested certificate/s with his offer will not be eligible for the award of the contract*" wiehed jistenna li kienet titqiegħed minnufih wara l-kliem

2 Ara para.

3 Ara para. 1.

"... ... ... *duly registered with the corporation.*" u minnufih qabel "*Apart from the ETC certificate* ... ... ...".

22. Madankollu, billi l-interpretazzjoni tal-art. 21(a) hija ambigwa fis-sens illi kemm l-interpretazzjoni mogħtija mill-Kunsill Lokali u kemm dik ipotizzata mill-qorti huma possibbli, u l-konsegwenza tan-nuqqas – li l-offerta titwarrab – hija drastika, il-qorti tifhem illi għandha tagħti l-benefiċċju tad-dubju u għalhekk tapprova l-konklużjoni tal-Bord ta' Reviżjoni illi n-nuqqas tal-firma ma jwassalx biex l-offerta titwarrab.

23. It-tieni aggravju huwa għalhekk miċħud.

24. It-tielet aggravju huwa dwar kif saret l-evalwazzjoni tal-offerta finanzjarja. *V & A* qiegħda tgħid illi biex tinħadem il-*benchmark* għall-offerta finanzjarja kellhom jitqiesu biss l-offerti validi u mhux ukoll dawk li twarrbu[4].

25. Għalkemm forsi mal-ewwel skrutinju l-loġika tgħidlek, bħal ma tgħid *V & A*, illi offerta illi twarrbet sa minn qabel ma bdiet l-evalwazzjoni ma kellha b'ebda mod titqies fl-evalwazzjoni, madankollu l-qorti ma tarax illi l-mod kif mexa l-Kumitat tal-Offerti huwa hekk irrazzjonali illi jwassal biex id-deċiżjoni tiegħu titwarrab għal kollox. Ma huwiex daqshekk kontra l-loġika u r-raġuni illi tgħid illi offerta illi, għal raġuni purament formali – in-nuqqas ta' *bid bond* tajba –, kellha titwarrab, xorta tagħti indikazzjoni utli dwar kemm jista' jkun l-orħos prezz li bih il-kuntratt

4 Ara para.

ikun ekonomikament fattibbli. Il-qorti għalhekk tifhem illi seta' kien hemm raġuni tajba għala l-Kumitat tal-Offerti mexa kif mexa. Il-qorti ma tarax illi n-nuqqas – jekk tqisu nuqqas – kien daqshekk serju u ma huwiex il-każ illi l-qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-Kumitat tal-Offerti fit-twaqqif tal-kriterji.

26. Barra minn hekk, il-qorti ma taqbilx mal-argument ta' *V & A* illi, li kieku ma tqiesu xejn l-offerti mwarrba, "ir-riżultat aħħari" kien ikun favur tagħha. B'kalkolu assolut – u mhux imqabbel ma' offerti oħra – l-offerta ta' *V & A* ġiet tiswa erbgħa u disgħin elf, tliet mija u tmenin euro (€94,380) fis-sena waqt li dik ta' Saviour Mifsud ġiet tiswa tnejn u tmenin elf u tletin euro (€82,030) fis-sena. Tqabbilx iż-żewġ offerti flimkien u tqabbilhomx ukoll mal-offerti li twarrbu, il-fatt jibqa' li l-offerta ta' Saviour Mifsud hija orħos minn dik ta' *V & A.*

27. It-tielet aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

28. Ir-raba' aggravju huwa illi *V & A* ma ngħatatx it-tagħrif li talbet. Il-qorti ma tarax illi dan l-ilment għandu relevanza għall-appell. It-tagħrif kollu li fuqu saret l-evalwazzjoni tal-offerti ngħata fir-rapport tal-Kumitat tal-Offerti. *V & A* ma indikat ebda dokument jew tagħrif ieħor partikolari li xtaqet tingħata; għamlet biss talba ġenerika biex tara "l-offerta tat-*tender* ... li ġiet magħżula" li, ovvjament, tista' tinkludi wkoll tagħrif kummerċjalment sensitiv u konfidenzjali. *V & A* kellha tkun ferm aktar speċifika fit-talba tagħha.

29. L-aħħar aggravju jolqot il-komposizzjoni tal-Bord ta' Reviżjoni. *V & A* tgħid illi meta ltaqa' fit-22 ta' April 2014 biex jisma' lill-partijiet il-Bord ta' Reviżjoni kellu erba' membri – Anthony Cassar, Charles Cassar, Richard Matrenza u Carmelo Esposito – meta l-liġi tgħid illi l-bord għandu jkollu biss *chairman* u żewġ membri oħra, b'kollox tlieta. Id-deċiżjoni appellata mbagħad iffirmawha tlieta biss, għax ma iffirmax Carmelo Esposito.

30. Dan l-aggravju huwa għal kollox fieragħ. Carmelo Esposito attenda għas-seduta tat-22 ta' April 2014 bħala segretarju tal-bord, mhux bħala membru, u l-bord għalhekk kien kostitwit kif trid il-liġi.

31. L-aħħar aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

32. Għar-raġunijiet mogħtija fuq, il-qorti tiċħad l-appell u tikkundanna lil *V & A* tħallas l-ispejjeż relativi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------